# Is-Sliem

Ottubru 2011

Nru. 265

**Knisja Arċipretali ta' San Filep ta' Agira, Ħaż-Żebbuġ**

Tel. Uffiċċju: 21460800
Mob: 79729252
Tel. Dar: 21465586
Uffiċċju Parrokkjali:
"Villa San Filep",
Triq il-Kbira,
Ħaż-Żebbuġ ŻBĠ 1307

*Messaġġ tal-Arċipriet:*

# MHUX KOLLOX IMUT!

**Nistgħu** (u **hekk**, bix-xieraq, qegħdin nagħmlu.... u tajjeb u jalla li aħna u ta' warajna nibqgħu!) infakkru l-anniversarji (dis-sena, il-50 wieħed) ta' mewt il-Poeta Nazzjonali Malti, iż-Żebbuġi DUN KARM PSAILA!.... Iżda, **ma nistgħu qatt** xi darba nfakkru l-mewt tal-għanja (il-poeżiji) tal-Poeta!.... Għax l-għanja tiegħu – kelmtu mis-Sema – ma tmut qatt!! ...U, għalhekk, nistgħu BISS infakkru **twelidha**, filwaqt li nġeddu, inxerrdu, inwessgħu, inkattru ħsibijietha, ħsusha, tifsirietha!... L-GĦANJA-MĦABBA ġenwina, sinċiera, safja tal-Poeta ma tmutx!! TIBQA'!!

***"Kif iddoqq arpa meta swaba' mħarrġa***
***jiġru bis-sengħa fuq il-ħjut annuna,***
***hekk il-poeta jgħanni,***
***meta tmissu l-id t'Alla;***
***Ħabbâr tas-sewwa, mera ts-sbuħija,***
***kelmtu mis-sema, u min mis-sema tnissel***
***la jixjieħ u la jmut.***
***Il-poeta jintemm u l-għanja tibqa'"***
(mill-poeżija tiegħu: "*Non Omnis Moriar*").

Daż-Żebbuġi Poeta Kbir li stħoqqlu, u jibqa' jistħoqqlu, l-għarfien bħala l-Poeta Nazzjonali Malti, kien (huwa!) l-poeta ta' kull tajjeb u sabiħ: tal-valuri umani; tal-motivi epiċi, demokratiċi u ambjentali; tat-tnebbiħa tan-natura; tat-Twemmin Reliġjuż Nisrani; tar-riflessjoni estetika; u l-bqija....

Għax, immexxi mid-Dawl tas-Sema, Dun Karm għaraf (kif jistqarr huwa nnifsu fil-poema immortali "awto-bijografika" tiegħu: "Il-Jien u lil hinn Minnu") l-iżbalji ta' għamad kburit żgħożitu, u wasal biex rażżan il-"jien" ta' ġo fih, biex fada ruħu f'idejn Alla u ħalla lilU jmexxih!

***"Issa mexxini Int, ja Dawl tas-Sema,***
***biex ma nerġax fil-għama ta' kburiti;***
***rażżan ġo fija l-Jien, l-għadu tas-Sewwa,***
***biex miegħi tgħammar Int; imxejt biżżejjed***
***fid-dlam, intektek bil-għasluġ ta' ħsiebi,***
***fuq triq imwiegħra, fejn il-Mewt tittawwal***
***minn kull xifer ta' rdum; xerridt biżżejjed***
***dmugħ mingħajr faraġ, waqt li t-talba tiegħi***
***kienet tidwi bla tama ġewwa qalbi,***
***għax ġwienaħ ma kellhiex biex tifred l-għoli.***
***Issa mexxini Int, għax fik biss nagħraf***
***il-għajb tal-Jien u l-ġmiel ta' Lil hinn Minnu."***

Bir-raġun, għalhekk li, f'dil-Parroċċa, **kull** Żebbuġi jħossu kburi b'dan wild Raħlu! Jalla x-xempji spiritwali leqqiena tiegħu, kitbietu immortali, idawlulna LKOLL ħajjitna!

Il-Mulej iberikkom.

**Fr. Daniel Cardona,**
**Arċipriet.**



**Il-Poeta Nazzjonali Malti**
**Dun Karm Psaila**
**(18.10.1871 – 13.10.1961).**

**ARA f'Paġna 8 (l-aħħar paġna):**

- **Żjajjar (Tberik) lill-Familji**
- **Ktieb Ġdid fuq Ħajjet Dun Karm**
- **Serata Mużiko-Letterarja fil-Knisja**
- **L-Assemblea Parrokkjali 2011**

## ALLA fil-Qawl Malti

**IL-QAWL:** **Alla wieħed u nies ħafna (... jew... wisq)!**

**IT-TIFSIRA:** Hawn ideat ta' nies daqskemm hawn nies; imma ħadd mhu bħal Alla, għax Alla wieħed hawn! ... Kulħadd għandu l-opinjonijiet tiegħu.

**IS-SLIEM:** Fuljett tal-Parroċċa SAN FILEP TA' AGIRA, Ħaż-Żebbuġ. – **Ottubru 2011**.– Inizjattiva tal-**Kummissjoni "Relazzjonijiet Pubbliċi u *Media*",** li hija ffurmata minn: Fr. Daniel Cardona (ARĊIPRIET); Tonio Galea (SEGRETARJU); in-Nutar Dr. Philip Ellul LL.B., Dip. Not. Pub., LL.D. (P.R.O. Tal-Parroċċa); u l-MEMBRI: Joe P. Borg, Owen Briguglio, l-Avukat Dr. Jean Noel Cutajar LL.B., Dip. Not. Pub., LL.D., Keith Cutajar B.Sc. I.T. (Hons), Michael Sciriha u t-Tabiba Dr. Elizabeth Zammit Lupi MD. – **INKARIGATI MIR-REKLAMAR:** Janet Agius u Grace Baldacchino – **GĦAN TAL-ĦIDMA** tal-Kummissjoni "Relazzjonijiet Pubbliċi u *Media*": Li twassal TAGĦRIF fuq ġrajjiet u mixjet il-Parroċċa u l-ħidma mwettqa mill-Arċipriet u l-Kleru, mill-Għaqdiet Reliġjużi u Gruppi oħrajn parrokkjali – TAGĦRIF li jiswa ta' ħolqa bejn il-parruċċani kollha u ta' tħeġġiġ għal sehem akbar u usa' f'din il-ħidma parrokkjali.

EDITORJAL:

# DUN KARM PSAILA

**D**wiet u tibqa', POETA, l-għanja tiegħek,
**U** tgħaqqad ħsiebna lkoll ma' ħsusek, miegħek;
**N**arek, fil-vrus, ma jħalli 'l ħadd jitmiegħek!

**K**itbietek.... DAWL, TĦEĠĠIĠ.... FJAMMET il-ħajja;
**A**ktar minn hekk, XEMPJU ta' sliem l-imħabba:
**R**uħek, f'kull vers, ma tħalli 'l ħadd jitlajja, ....
**M**a tħalli 'l ħadd fil-għażż, bil-qżież jittabba'!

**P**oeta KBIR ta' dan ĠENSNA ĦAWTIELI,
**S**fajt INT il-għelm, ix-xempju tal-kittieba;
**A**ltar ward l-għana tiegħek, QATT mitbieli,
**I**saħħar b'lehma mseddqa lill-ħassieba!...
**L**eħnek ma jitfi QATT: fjamma dejjiema;
**A**ltar is-SEW, l-IMĦABBA, d-DEH'N, is-SLIEMA!

## IL-POETA NAZZJONALI MALTI

### ...fil-qosor ħafna

- **Fl-1871, twieled f'Ħaż-Żebbuġ; studja fl-Iskola tal-Gvern; daħal is-Seminarju.**
- **Fl-1894, sar qassis; fl-istess Seminarju, għallem diversi suġġetti għal madwar 26 sena.**
- **Fl-1896, kiteb poeżiji bit-Taljan, fil-ġabra: *Foglie d'Allora*.**
- **1921 – 1936, Assistent Direttur tal-Bibljoteka Pubblika.**
- **1923 – 1936, Direttur tal-Bibljoteka Ċirkulanti.**
- **1927 – 1940, it-tieni President tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u Editur ta' "IL-MALTI". Għal xi snin, eżaminatur tat-Taljan u tal-kors akkademiku u preparatorju għall-Malti, fl-Università.**
- **Fl-1934, qaleb mit-Taljan għall-Malti r-rumanz "Inez u Emilja", ta' D. Caprile.**
- **Fl-1935, wara li kien ħareġ bil-pensjoni, tqabbad mill-Gvern biex jagħmel dizzjunarju mill-Ingliż għall-Malti, li tlesta fl-1955.**
- **Fl-1936, qaleb għall-Malti mit-Taljan, ir-rumanz "l-Oqbra", ta' Ugo Foscolo.**
- **Fl-1945, ingħata l-ewwel *D. Litt. (Hon. Causa)* tal-Università ta' Malta.**
- **Fl-1946, ingħata l-Premju "Ġużè Muscat Azzopardi".**
- **Fl-1961, ġisem Dun Karm miet. Ruħu għadha u tibqa' ħajja tgawdi l-premju aktar minn mistħoqq ta' ħidmietu, kif ukoll fl-għanjiet (il-poeżiji) immortali tiegħu.**

# GĦALIEX INĦOBB LIL DUN KARM

**minn**

***Mons. LAWRENZ CACHIA***

**Lil Dun Karm inħobbu għax huwa Żebbuġi, huwa qassis, huwa poeta, u għax kont nafu personalment.**

Dun Karm huwa **Żebbuġi**; wieħed minn ħafna li għamlu ġieħ kbir lil dan ir-Raħal. Qatt ma staħa jgħid li huwa Żebbuġi u, għalkemm id-dmirijiet tiegħu żammewh ħafna snin 'il bogħod minn Ħaż-Żebbuġ, baqa' jgħożż f'qalbu lil dan ir-Raħal. Kiteb poeżiji sbieħ dwaru, u kiteb l-Innu ta' San Filep ("Innu lil San Filippu ta' Aġġira"), missier spiritwali taż-Żebbuġin.

Dun Karm huwa **qassis** li, kif xehdu dawk li kienu jafuh sewwa, qeda dmiru ta' qassis, u dejjem żamm grad għoli ta' spiritwalità fil-kitba u fil-ħajja tiegħu. Fost dmirijiet oħrajn li wettaq bħala qassis, kien l-ewwel Direttur Spiritwali tal-*Legion of Mary* ta' Malta, u waqqaf l-ewwel *praesidium* tal-*Legion of Mary* f'Ħaż-Żebbuġ, kif se nerġa' nsemmi. Is-superjuri wkoll għarfu l-merti tiegħu meta ħatruh Monsinjur Onorarju tal-Katidral.

Dun Karm kien u, fl-opinjoni tiegħi għadu, l-aqwa **poeta** Malti. Huwa kbir bħala poeta u bħala wieħed mill-bennejja tal-Malti modern. Dak iż-żmien li hu beda jikteb bil-Malti, kważi kulħadd kien jikteb bit-Taljan jew bl-Ingliż. Imma llum sirna nużaw il-Malti wisq aktar ta' sikwit, u dan bis-saħħa tiegħu u ta' sħabu tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, li hu kien wieħed mill-fundaturi u mill-uffiċjali tagħha. Kien għalhekk li jiena ktibt żewġ kotba fuq Dun Karm: wieħed, huwa antoloġija razzjonali u kkummentata tal-aħjar poeżiji tiegħu; u l-ieħor, li ħiereġ issa, huwa fuq ħajjet Dun Karm.

**Lil Dun Karm sirt nafu meta kelli tmien snin u huwa kellu kważi sebgħin. Fil-gwerra (1940 – 1943) kien reġa' ġie joqgħod Ħaż-Żebbuġ u kien iqaddes kuljum fis-7 ta' filgħodu, fil-Knisja ħelwa tal-Madonna tad-Duluri. Kuljum kont nisma' l-quddiesa tiegħu u, meta kelli xi għaxar snin, ġieli għentu l-quddiesa wkoll. Għalkemm il-quddiesa kienet bil-Latin, xorta stajna naraw id-devozzjoni kbira li biha kien iqaddes Dun Karm.**

Barra minn hekk, minħabba l-*Legion of Mary* tax-Xebbiet li, bil-għajnuna ta' oħti l-kbira Gejtana (wara, Swor Agostina O.P.), Dun Karm waqqaf għall-ewwel darba f'Ħaż-Żebbuġ, huwa sar jaf lill-familja tagħna u żar id-dar tagħna kemm-il darba. Il-kliem tiegħu kien dejjem fuq ir-reliġjon u fuq l-Ilsien Malti.

Minn dak iż-żmien bdejt naqra l-poeżiji ta' Dun Karm, li kienu għadhom kif ħarġu fi tliet kotba, bis-saħħa tal-mibki Ġużè Bonniċi, tabib u kittieb mill-aħjar tal-Malti. Kopja ta' dawn il-poeżiji kienet teżisti fil-librerija ċkejkna tal-Gvern li kienet fl-Iskola tal-Gvern stess. Dawk il-poeżiji ħabbejthom, u ħafna minnhom tgħallimthom bl-amment. **U, aktar ma bdejt nikber u nistudja, aktar stajt nifhimhom u napprezzahom.**

**Naħseb li Dun Karm u San Ġorġ Preca kienu l-aktar żewġ qassisin li influwenzaw lil ħajti. GRAZZI, Dun Karm!**

**Iż-Żebbuġi Poeta Nazzjonali Malti DUN KARM PSAILA, xehed imħabbtu, il-għoġba tiegħu għal, u twemminu fil-Madonna b'ħafna poeżiji Marjani ġawhar mill-isbaħ, fosthom dan is-sunett immortali, bl-isem ta' *Mater Purissima*, wieħed mill-aqwa u l-isbaħ sunetti tal-Letteratura Maltija (li jixraq ukoll li nippubblikawh f'dan Ottubru, ix-xahar Marjan.... ix-xahar tar-Rużarju). ....Ma tistagħġibx, għalhekk li, bħalma kiteb Mons. L. Cachia f'dan l-artiklu tiegħu, Dun Karm serva b'ferħ u għożża bħala l-ewwel Direttur Spiritwali tal-"Leġjun ta' Marija" f'Malta, u ħabrek biex daħħal il-"Leġjun ta' Marija" f'Ħaż-Żebbuġ, Raħal twelidu.**

## *Mater Purissima*

Biżżejjed naħseb fik biex inħoss fija
Jorqdu l-ġibdiet li 'l qalbi jagħmlu lsira,
U difa ħelu bħal ta' filgħaxija
Jinżel fuq ħsiebi u ħemda l-iżjed kbira.

U kif inlissen ismek, o Marija,
F'talba tal-għaġeb, ħelwa kemm qasira,
Jikbes ġo sidri qisu nar bid-dija
Li jeqred ta' kull żina sat-tifkira.

Għax inti safja bħala qatra nida
Li tinżel mis-smewwiet fuq fomm ta' warda
U fis-smewwiet ix-xemx tarġa' tiġbidha.

Tad-dnub meħlusa mit-taħsir ewlieni
Int, omm, taf tagħder lil min ħa dil-marda
U bil-ħajr ta' xbubitek tagħmlu hieni.

**DUN KARM**

# IL-ĠBIR TAL-POEŻIJI KOLLHA BIT-TALJAN U BIL-MALTI TA’ DUN KARM

## Riċerka ta’ ħamsa u tletin sena

**Profs. Oliver Friggieri**

### 1. Il-bżonn ta’ ġabra sħiħa tal-poeżiji

Sa ma miet fl-1961 Dun Karm kien għad kellu l-poeżiji tiegħu, bit-Taljan u bil-Malti, imxerrdin sa fil-postijiet l-inqas mistennija. Kien hemm il-ħtieġa li jinġabru, u dan kien proġett diffiċli ħafna li jiena dħalt għalih fil-bidu tas-snin sebgħin. Fil-bidu tas-snin sebgħin kont qiegħed naħdem fuq it-teżi għall-grad ta’ M.A., bl-isem “La cultura italiana in Dun Karm” (1975), li mbagħad fl-1978 kienet ġiet ippubblikata bħala volum minn Leo S. Olschki ta’ Firenze, fil-Kullana “Biblioteca dell’Archivum Romanicum”, u bl-isem *La cultura italiana a Malta - Storia e influenza letteraria e stilistica attraverso l’opera di Dun Karm*.

Għall-grad ta’ Ph.D. ħdimt fuq it-tema “La cultura italiana del romanticismo e la poesia maltese”. Din it-tezi, ipprezentata fl-1978, ħarġet bħala volum, bl-isem *Storia della letteratura maltese,* mill-*Edizioni Spes* ta’ Milazzo, fl-1986. Lit-test originali Taljan tiegħi kont diġà qlibtu għall-Malti sadanittant, biex ħareġ il-volum *Storja tal-Letteratura Maltija,* mill-Klabb Kotba Maltin, fl-1979. Parti importanti minn dan ix-xogħol hi dwar l-identità romantika ta’ Dun Karm.

Dan ifisser li kelli nassigura li jkolli quddiemi t-testi kollha ta’ Dun Karm, bil-Malti u bit-Taljan, poeżija u proża, fosthom dawk li ma kienu xejn magħrufin u lanqas ippubblikati, u oħrajn li setgħu jinstabu. Bħala punt ta’ tluq ittieħdu ż-żewġ listi ta’ Ninu Cremona (1964) u Ġużè Cardona (1967). Mill-kotba li Dun Karm xandar hu nnifsu u mit-tliet kotba ta’ Ġużè Bonnici (1939-40) u l-antoloġija ta’ Ġużè Aquilina (1946) stajt nibni l-kwadru tal-opra sa dak iż-żmien




*Il-poeżiji bil-Malti ta’ Dun Karm, miġburin mill-Profs. O. Friggieri.*

### 2. Il-ġbir tal-poeżiji bil-Malti

Bi proġett separat għalkollox mir-riċerka msemmija, kienet ħaġa xierqa li tkun definita qabelxejn l-opra poetika tiegħu kollha bil-lingwa Maltija. Dan wassal għall-ħruġ għall-ewwel darba tal-volum tal-poeżiji tiegħu “kollha” bil-Malti, fl-1980: *Dun Karm - Il-Poeżiji Miġbura* (Klabb Kotba Maltin - Karmen Mikallef Buħaġar). Il-volum hu wieħed mill-ħafna merti kbar tal-Klabb Kotba Maltin. Fih, minbarra daħla twila dwar il-poeta, inkludejt ukoll lista kronoloġika tal-poeżiji kollha.

Ftit żmien wara, fil-ktieb *Dun Karm - Il-Bniedem fil-Poeta*, (1980), bijografija tal-poeta, ippubblikajt aktar poeżiji tiegħu misjuba aktar tard f’manuskritt li ma kienx magħruf għalija qabel (“Pro Memoria - Ħsibijiet Żgħar”, manuskritt li Dun Karm stess kien ta lil Dun Ġużepp Mangion). Kien Pawlu Mizzi tal-Klabb Kotba



**Josef Felice**
**(Tal-Bonċ)**
**Servizz tal-Funerali**
**24 Siegħa Kuljum.**
“Casa Felice”
Triq l-Indipendenza,
Ħal Mula, Ħaż-Żebbuġ
**SERVIZZ TAL-KOR U ORGANISTA**
**BLA ĦLAS**
PREZZIJIET MODERATI
Tel: 2146 6599 *Mob*: 9945 6733

**ξPrivate Lessonsξ**
**Primary Subjects**
(Year 3-6)
**History & Italian**
(Forms 1-5)
Phone: 99479040
**English & Business Studies**
(Forms 1-5)
Phone: 79053006
Fully Qualified Teachers

**Fair Deal Furniture**
*Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ*
*(Dħul minn Triq Ġeraldu Farrugia)*
*FEJN ISSIBU:*
*KMAMAR TAS-SODDA*
*SOLID, MODERNI;*
*SALOTTI; WALLUNITS;*
*LINEF; IMWEJJED U SIĠĠIJIET!*
*Tel.: 27282828;*
*e-mail:* ***fairdeal@onvol.net***
*Website:*
***www.fairdealfurniture.com.mt***

Maltin li għarrafni b'dan il-manuskritt. Aktar poeżiji mhux ippubblikati bil-Malti, imbagħad, sibthom f'manuskritt ieħor ("Kollezzjoni Peter Vassallo"). Dan kien biss parti mix-xogħol fil-kostruzzjoni, għar-riċerka tiegħi, tal-figura vera ta' poeta.



## Nar tat-Tiben?

L-imħabba tal-Lsien Malti
mhix kbira daqs kemm tidher;
timla ta' elf il-fomm,
imma ta' għaxra s-sider.

L-imħabba tal-Lsien tagħna
jeħtieġ tiġi minn ġewwa,
jekk irridu, kif jixraq,
inkunu Maltin sewwa.

**DUN KARM**

### 3. Il-ġbir tal-poeżiji bit-Taljan

Kien jonqos li jsir fl-istess ħin ix-xogħol tal-ġbir tal-poeżiji bit-Taljan. Il-proċess kellu jitkompla anki billi jitfittxu fontijiet oħrajn, kemm manuskritti u kemm xogħlijiet stampati. Kelli nfittex kullimkien, f'kull tip ta' pubblikazzjoni konvenzjonali, tipika tas-sekli dsatax u għoxrin: minn folji volanti sa libretti u, fost l-oħrajn, il-ġabriet ta' pubblikazzjonijiet tassew varji, illegati f'sett ta' volumi li kienu kklassifikati bħala ''Miscellanea", miżmumin fit-Taqsima Melitensia tal-Bibljoteka tal-Università ta' Malta. Okkażjoni li nibqa' niftakar hi s-sejba ta' dik li nqis li hi l-ewwel poeżija ppubblikata tiegħu, "La dignità episcopale", imxandra bħala ktejjeb, fl-1889, u li kont ippubblikajtha fl-1974 ("Il-Polz", 26, 1974, pp. 4-7). Kienet miġbura fil-volum ''Miscellanea", vol. IX, numru 23.




*Il-poeżiji bit-Taljan ta' Dun Karm, miġburin mill-Profs. O. Friggieri.*

Waqt li tlaqt mill-ġabriet żgħar tal-poeta, *Foglie d'alloro* (1896), *Versi* (1903) u *Liriche* (1954, ikkurata minn Giovanni Curmi), stajt nibda l-proġett tal-iskoperta twila, diffiċli ta' ħafna opri oħrajn, ippubblikati f'postijiet varji, jew ikkonservati f'għamla ta' manuskritti jew kopji ttajpjati. Fost pubblikazzjonijiet diversi li l-poeżiji tiegħu bit-Taljan baqgħu mxerrdin fihom, hemm "L'amico dei giovani", "L'amico della gioventù maltese", "La diocesi", "L'eco del Circolo Foedus", "La palestra del seminarista", "Santa Rita", u "Il vessillo cattolico". Konklużjoni bħal din tista' tinkiseb wara li jkunu ġew imfittxa r-rivisti kollha tal-epoka.

Hi importanti l-"Kollezzjoni Melitensia" tal-Bibljoteka tal-Università ta' Malta, fejn hemm ġabra ta' manuskritti u kopji ttajpjati ta' xogħlijiet tal-poeta. Il-"Kollezzjoni Peter Vassallo" hi wkoll importanti għal numru ta' poeżiji mhux-magħrufa bil-Malti u bit-Taljan, apparti versi minuri oħrajn. Il-Professur Peter Vassallo, qarib tal-poeta u studjuż eminenti tal-Letteratura Ingliża, kien ġentili ħafna li ħallieni nara l-manuskritti fil-kollezzjoni privata tiegħu.

Dan kollu għandu jkun ikkunsidrat fil-kuntest tal-ħażna mdaqqsa ta' manuskritti u ta' kopji ttajpjati ta' Dun Karm. Hu kien iħobb jagħmel dik li hi magħrufa bħala "bella copia", pulita, bla ebda tibdil jew qtugħ, b'idu, b'kalligrafija ċara, kbira, jew bit-tajprajter. Fil-każ ta' edizzjoni fondamentali, ewlenija, il-bieb tat-tiftix jibqa' dejjem miftuħ, kif għadu sal-lum fl-Ewropa, fejn hemm lista sħiħa ta' awturi li l-opra tagħhom inġabret f'edizzjoni kritika żmien twil wara mewthom. Minkejja dan it-tiftix kollu, inqis xorta waħda li dan hu qasam minnu nnifsu miftuħ. Metodoloġiji u kriterji akkademiċi differenti jesiġu dan.

BC ELECTRICS Co. Ltd.
ELECTRICAL & PLUMBING WORKS, IT COMPUTER CABLING
Bernard Gatt
Angelo Melilli Street, Żebbuġ ZBG 06, Malta
Tel/Fax: 2146 2009, Mob: 7949 0392
email: bcelec@waldonet.net.mt

### 4. Ħafna poeżiji mxerrdin f'ħafna bnadi

Il-proġett tal-ġbir tal-poeżiji kollha bit-Taljan ta' Dun Karm ma kienx xogħol faċli. Kollox hu marbut mal-fatt li huwa, poeta veru, ma kellux ħeġġa kbira li jippubblika, imqar f'perjodiċi, u wisq inqas kellu mezzi, kemm istituzzjonali u kemm personali. Dan jgħodd għaż-żewġ ilsna ewlenin li ħaddem, u l-aktar għat-Taljan. Hu kien spiss kuntent li jikkopja pulit, f'għamla finali, numru ta' poeżiji tiegħu, u jżommhom għandu. Ippruvajt niġbor u nispjega fil-qosor dan kollu fil-prefazzjoni għall-ktieb tal-poeżiji miġbura bit-Taljan *"Dun Karm - Le poesie, italiane"*, pubblikazzjoni tal-*Malta University Press* (2007).

# KIF KIEN IĦARES DUN KARM LEJN ĦAŻ-ŻEBBUĠ U Ż-ŻEBBUĠIN

**– Kitba ta' MICHAEL BONNICI**




***Il-monument f'ġieħ Dun Karm Psaila, fi Triq Sciortino, Ħaż-Żebbuġ.***

Lil Dun Karm mhux taqrah trid iżda tistudjah. Kull poeżija tiegħu fiha messaġġ, hija talba, hija xenqa, hija karba, hija patrijottika, hija dedika; iżda fuq kollox hija ħsieb profond ta' dak li qagħad jirrifletti l-poeta qabel ħażżeż il-versi tal-poeżija.... l-istess poeżija li twieldet miegħu.... talent naturali li ma ħbiehx jew berbqu, iżda użah u kattru u għadu jirrendi l-imgħax sal-lum.

Fil-poeżija **"Lil Ħaż-Żebbuġ, Raħal Twelidi"**, Dun Karm juri li kien kburi li Żebbuġi. Infatti f'din il-poeżija għandu din l-istrofa li turi li Ħaż-Żebbuġ dejjem kien fi ħsiebu u, kull meta ġietu l-opportunità, dejjem semmieh bi stima kbira.

"Meta qatt fil-ħidma tiegħi
Kelli s-serħ u ma żurtekx?
Meta ħarġet minn ġo qalbi
Għanja u jien ma semmejtekx?" **(*)**

Nikkwota issa xi versi minn din l-istess poeżija fejn il-poeta juri fejn tħabbat il-qalb ta' Żebbuġi tassew.

"F'ħajjiet Alla! Rġajt fi ħdanek,
Art xemxija fejn twelidt;"

"Qalb il-ġmiel ta' belt li tgħaxxaq...."

"Kont sabiħ, ja raħal tiegħi...
....Kont sabiħ fir-riżq ta' nwielek...."

"X'ħeġġa, x'għira, xi bżulija
Fost uliedek kbar u żgħar!"

"Ġens ta' ħila, ġens ta' raj..."

"Tinqasamx fil-fehmiet tiegħek,
Għall-annuna xejn mhu wisq."

"Ħa narak, kif rajtek darba,
Tiela', tiela', tiela' 'l fuq."

Fl-istess waqt ma tonqosx it-tbeżbiża: "Għaliex meta niġi nżurek,
Ma narax indafa u sliem?"




***L-irħama mwaħħla mal-faċċata tad-dar, fi Triq l-Isqof Ħaż-Żebbuġ, fejn twieled Dun Karm.***

Jekk inħarsu lejn l-"**Innu Lil San Filippu ta' Aġġira",** insibu wkoll versi mqanqlin lejn iż-Żebbuġin li, jiena u kull Żebbuġi, jitqanqal demm il-vini tagħna meta nlissnuhom.

"Żebbuġin, nagħtu lkoll it-tislima
Lil Filippu f'dal-jum hekk sabiħ."

"Lilu tana, qaddisna, l-Kbir Alla...."

"Dawk li l-knisja b'ħilithom temmew;....

"Hawn inġabru, taw bewsa 'l xulxin;
Minn hawn ħarġu qalbiena bħal ljuni...."

"Baqgħet tixgħel fost l-aħwa ħaddiema

Lejn Filippu l-ħuġġieġa tan-nar!"

"Iżda x-xrara qaddisa li kibset
Ġewwa qlubhom qatt iżjed ma ntfiet."

Iżda l-aqwa versi f'dan l-istess innu, insibuhom fir-ritornell li jitkanta wara kull żewġ strofi – ritornell li, lit-tfal tagħna, ngħallmuhulhom kważi wara l-kelmiet "ma" u "pa":
"Żomm il-għaqda, żomm l-imħabba – Ġewwa qlub iż-Żebbuġin." (ċapċip li jtarrax!).
F'dan il-paragrafu nixtieq nagħmel riflessjoni ċkejkna dwar xebh identiku fl-"Innu lil San Filippu ta' Aġġira"

*ikompli f'paġna 7*



*Il-faċċata tad-dar, fi Triq l-Isqof, fejn twieled il-Poeta Nazzjonali Malti.*

(miktub fit-30 t'April 1943) u dak fl-Innu Malti (miktub f'Ġunju 1925): tal-ewwel, fuq bażi parrokkjali (sejħa għal għaqda bejn l-aħwa Żebbuġin) u, tat-tieni, fuq bażi nazzjonali (sejħa għal għaqda nazzjonali). Fil-fatt, l-aħħar vers tal-Innu Malti, jgħid hekk: "Seddaq il-għaqda fil-Maltin u s-sliem"; filwaqt li, f'dak lil San Filippu t'Aġġira: "Żomm il-għaqda, żomm l-imħabba – Ġewwa qlub iż-Żebbuġin."

Dun Karm kien għamel id-diskors tal-okkażjoni, f'għeluq il-Mitejn Sena mit-twelid ta' Dun Mikiel Xerri 1737-1937, f'ċerimonja li saret fil-pjazza ewlenija ta' Ħaż-Żebbuġ.

## Lil San Filippu ta' Aġġira

**Miġbud mill-qawwa ta' Min miet bla ħtija**
**Biex il-ħsara tad-dnub jagħleb bl-imħabba,**
**Ħassejt minn kmieni l-ħeġġa barranija**
**Li biss fil-qalb tal-magħżulin titrabba.**

**Kif fetħitlek il-warda taż-żgħożija**
**Ħrabt minn kull nifs li jista' l-ħajja jtabba',**
**U niżlet mis-smewwiet Ruħ il-Qdusija**
**Fuqek, biex lilek bl-ogħna ħajr ixxabba'.**

**Hekk int, Filippu, fuq art ġâra tagħna,**
**Rażżant il-qilla ħarxa tal-għedewwa,**
**Il-qawwa tal-infern li jrid jiblagħna.**

**Tinsiex: il-qawwa li ħaddimt f'Aġġira,**
**Qawwa li tirbaħ kull għamil ta' dnewwa,**
**Ħaddimha llum ukoll fuq din il-gżira.**

**DUN KARM**

Għal dik l-okkażjoni, Dun Karm kiteb l- **"Innu Lil Dun Mikiel Xerri"**, li minnu sejjer nikkwota żewg strofi li huma diretti, wieħed, lejn ir-Raħal ta' Ħaż-Żebbuġ u l-ieħor, lejn iż-Żebbuġin:

Raħal xemxi, belt is-saħħa,
ħoll ilsienek f'dan il-jum;
għanni ġrajja li fi ġmielha
kemm idum iż-żmien iddum

Żebbuġin, tiċħdux lil demmkom;
kontu dejjem ta' quddiem:
kellkom hena u ġid fi djarkom,
kellkom għaqal, risq u sliem.

PRIVATE LESSONS
MATHS
Learning MATHS through EASY methods..
Individual Attention!
Small Groups
Forms 1, 2, 3, 4 and 5
Mob: 79271149
Email: dengauci@gmail.com

Iżda Dun Karm wera dak li kien iħoss fil-profondità ta' qalbu lejn Ħaż-Żebbuġ proprju fil-poeżija "Lil Ħaż-Żebbuġ, Raħal Twelidi", li kkwotajt aktar 'il fuq. Il-poeta jgħid li **demm** iż-Żebbuġin huwa akbar minn dak tan-nobbiltà, għax fil-vini minn fejn jgħaddi hemm d-demm tal-qlubija taż-żewġ persunaġġi kbar Żebbuġin li l-Poeta Nazzjonali ma naqasx li jiktbilhom versi patrijottiċi:

**"LA TINSIEX ILLI DEMM TIEGĦEK**
**KIEN VASSALLI U DUN MIKIEL"**

**U ma' dawn illum inżid lil DUN KARM – IL-POETA NAZZJONALI!!**

**(*)** Dun Karm għandu ħafna poeżiji oħrajn li fihom jidher ċar li kien imnebbaħ mill-ambjent li fih trabba f'Ħaż-Żebbuġ: "Wied Qirda", "Presepju ta' Tfuliti", "Il-Vjatku", "Warda li Tgħid Ġrajjietha", "Lil Ommi", u ħafna oħrajn.

TOYOTA
THE QUALITY EXPERIENCE

## NISSUKTAW biż-ŻJAJJAR (u t-TBERIK) lill-FAMILJI

| | |
|---|---|
| **It-Tnejn, 10 ta' Ottubru:** | Triq Indrì Borg. |
| **It-Tlieta, 11 ta' Ottubru:** | Triq Ħas-Sajd. |
| **L-Erbgħa, 12 ta' Ottubru:** | Triq Ħal Dwin u Triq Pietru Buttigieg. |
| **It-Tnejn, 17 ta' Ottubru:** | Triq Patri Pelaġju Mifsud. |
| **It-Tlieta, 18 ta' Ottubru:** | Triq Fra Ferd Mattei. |
| **L-Erbgħa, 19 ta' Ottubru:** | Triq Franġisk Zahra u Triq F. Farrugia. |
| **It-Tnejn, 24 ta' Ottubru:** | Triq il-Grazzja (mill-bidu tagħha, sal-Knisja ta' "tal-Grazzja"). |
| **It-Tlieta, 25 ta' Ottubru:** | Titkompla Triq il-Grazzja. |
| **L-Erbgħa, 26 ta' Ottubru:** | Id-djar ta' "ħdejn Sant Antnin"; u Triq il-Buskett . |
| **It-Tnejn, 31 ta' Ottubru:** | Triq il-Penit. |
| **It-Tnejn, 7 ta' Novembru:** | Triq il-Ħlewwa. |
| **It-Tlieta, 8 ta' Novembru:** | Triq Giovanni Pullicino (li qabel kienet: Triq Ġdida fi Triq il-Kurkanta). |
| **L-Erbgħa, 9 ta' Novembru:** | Triq il-Kurkanta. |

## KTIEB ĠDID: "IL-ĦAJJA TAL-POETA NAZZJONALI"

**Fl-okkażjoni tal-50 sena mill-mewt ta' Dun Karm Psaila**

**MIKTUB MINN MONSINJUR LAWRENZ CACHIA.**

**150 PAĠNA TA' TAGĦRIF FUQ DAK LI GĦADDA MINNU L-POETA NAZZJONALI MALTI**

**PREZZ: 3 Ewros**

**MIBJUGĦ MILL-ĦWIENET TAL-KOTBA KOLLHA TA' ĦAŻ-ŻEBBUĠ U MILL-ĦWIENET EWLENIN MADWAR MALTA**



## SERATA MUŻIKO-LETTERARJA

**f'Ġieħ il-Poeta Nazzjonali Malti,**
**iż-Żebbuġi DUN KARM PSAILA,**
**fl-okkażjoni tal-50 Sena minn mewtu.**
**FIL-KNISJA ARĊIPRETALI TA' ĦAŻ-ŻEBBUĠ,**
**nhar il-Ħamis, 10 ta' Novembru 2011,**

**mis-7.30 p.m. sad-9.00 p.m.**
**INIZJATTIVA tal-Arċipriet, il-Kleru u l-Kunsill Pastorali Parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ.**

**Jinqraw POEŻIJI u jitkantaw INNIJIET reliġjużi/ Marjani tal-POETA, bis-sehem ta' diversi qarrejja u tal-Kor *COLLEGIUM MUSICUM,* immexxi mis-Surmast Dr. Dione Buhagiar.**

**MISTEDEN KULĦADD.**

## ASSEMBLEA PARROKKJALI 2011

**Din is-sena se ssir nhar il-Ħamis u nhar il-Ġimgħa, 24 u 25 ta' Novembru, bħas-soltu fis-sala parrokkjali.**

N.B.: IŻ-ŻEWĠ LAQGĦAT JIBDEW FTIT WARA LI TISPIĊĊA L-QUDDIESA TA' FILGĦAXIJA TAL-KNISJA ARĊIPRETALI.

**HUWA D-*__DRITT__* U D-*__DMIR__* TA' KULL MEMBRU TAL-PARROĊĊA LI JATTENDI U JIPPARTEĊIPA!**







**TWANNY SPITERI**
**FUNERALI**

4, "Shalom", Triq il-Watar,
Ħal Mula,
Ħaż-Żebbuġ.



**Karozza (*hearse*) BLA ĦLAS**
**24 hours services**
**DAY & NIGHT**

Tel: 21460950
Office: 21465122 - 21472219
Mob: 99471168